MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 306/2010

**Artikoli 11, 95, 96, 188(1), 325(d) u 338(ee) tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1) (a) (3) u 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u MVR**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**MICHAEL DANIEL XUEREB**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MICHAEL DANIEL XUEREB,** iben Frank u Yvonne nee' Zarb, imwieled fis-26 ta' Lulju, 1986 fl-Awstralja u residenti Beaver Lodge, Triq Salvu Psaila, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 458001(L) u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Marzu 2010 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (07:00pm), fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC 1370 Antoine Micallef, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PC 1370 Antoine Micallef, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun.

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’xi hin wara 07:30a.m. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta’ taghrif falz.

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga cioe hsara fuq vettura numru ta' registrazzjoni CLT 117 ta' l-ghamla Kia ghad-dannu ta' Clint Mifsud.

6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma kellux kontroll tal-vettura numru ta' registrazzjoni XEV 104 ta' l-ghamla Chevrolet fi Triq jew post pubbliku (Triq San Gorg San Giljan) meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, u aktar talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina.

7. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq vettura numru ta' registrazzjoni XEV 104 ta' l-ghamla Chevrolet minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifika ghal dik il-vettura.

8. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien involut f’incident tat-traffiku b’vettura numru ta’ registrazzjoni XEV 104 ta’ l-ghamla Chevrolet u naqas li tieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq lil persuna li jkollhom raguni bizzejjed li jitlob li jsir hekk kif mitlub bil-ligi.

Il-Qorti giet mitluba f’kaz ta htija li tiskwalifika lill-imputat milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, okkorrenza, stqarrija tal-imputat datata 29 ta’ Marzu, 2010 esebita fl-atti u mmarkata bhala dok HB a fol. 11, fedina penali esebita u mmarkata bhal dok C a fol. 13 , estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala dok D a fol. 14 , kunsens tal-Avukat Generali mmarkat bhala dok E datat 29 ta’ Marzu, 2010 a fol. 15, karta tal-Identita’ u l-passaport tal-imputat a fol. 18 tal-process.

**PC 1370 Antoine Micallef** xehed fl-10 ta’ Settembru, 2010 fejn iddikjara li fit-28 ta’ Marzu, 2010 xi s-6.50pm, gie l-ghassa ta’ San

Giljan certu Clint Mifsud fejn qalilhom li waqt li hu kien qieghed ipparkjat hdejn il-Mc Donalds ta’ San Giljan kien gie persuna ohra u kien laqatlu l-karozza pero’ dan ma tax kasu. Peress li Clint Mifsud beza’ li din il-persuna kienet se titlaq minn fuq il-post, gie l-ghassa. Ix-xhud mar ma’ Clint fuq il-post biex ikellem lil din il-persuna l-ohra. Clint dahal il-Mc Donalds, qal lill-persuna l-ohra li huwa Michael Xuereb li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u l-imputat hareg barra biex ikellem lil Clint. Ix-xhud kien qieghed barra l-Mc Donalds.

Sussegwentement staqsa lill-imputat jekk kienx laqat xi karozza, dana cahad u qal li ma kien laqat xejn. Dan beda jitkellem hazin u qal kliem oxxen fil-konfront ta’ Clint. Clint informa x-xhud li kien hemm xi xhieda li raw il-habta. X’hin l-imputat sema b’dan huwa kompla jitkellem hazin u offenda wkoll lix-xhieda. Wara x-xhud miss id l-imputat u qallu biex imur mieghu l-ghassa u dan imbotta lix-xhud u qallu l-kliem *“x’nigi l-ghassa, l-ostja*!” Wara gie kuntistabbli iehor li huwa PC 446 u x’hin ra li kien hemm kommossjoni quddiem il-Mc Donalds, huwa ghajjat lis-Surgent PS 1207 u gew flimkien biex jassistu lix-xhud. Meta x-xhud kellem lill-imputat dana kellu riha ta’ xorb

fuqu. Huwa stqarr li l-kollegi tieghu kellmuh biex imur l-ghassa bil-kwiet.

Ix-xhud iddikjara li l-imputat irrifjuta li jmur maghhom l-ghassa. Dak il-hin l-imputat ta daqqa ta' sieq fuq il-bumper tal-karozza tieghu u s-Surgent qallu li jekk huwa ma kienx se jigi l-ghassa minn jeddu kien ser jarrestah. Din il-kommossjoni damet xi kwarta ghaddejja. L-imputat nonostante t-twissija li nghata xorta rrifjuta li jmur l-ghassa. Huwa spjega li meta s-Surgent u PC 446 ippruvaw idahhlu lill-imputat gewwa l-ghassa ta' San Giljan, dana offra rezistenza. Sussegwentement irnexxielhom jaqbduh minn id u iehor minn id ohra u huma haduh lejn l-ghassa. Kif huwa kien diehel gewwa l-ghassa huwa habat mal-bieb ta' barra tal-ghassa. Kif dahhluh u pogga bil-qieghda huwa hareg il-mobile u kien ha jipprova jcempel. Ix-xhud spjega illi peress li kien fi stat ta' arrest huwa ma setghax icempel u PC 446 qallu biex jaghtih il-mobile. Ghall-ewwel irrezista izda mbaghad tah il-mobile. Wara dahhluh go cella u staqsuh jekk riedx assistenza ta' avukat u huwa rrisponda li qabel ma jigi missieru ma kienx ser jghidilhom. Gie missier l-imputat u ddecieda li jkellem avukat pero' l-avukat dak il-hin ma setax jigi izda kellu jigi l-ghada.

Sadanittant Clint cempel lill-wardens biex jaghmlu sketch fuq il-post. Meta l-warden kellem lill-imputat l-ghassa, l-imputat qallu li ma kienx hu li kien qed isuq izda kienet il-mara tieghu. Ix-xhud kien prezenti ghal dan id-diskors. Ix-xhud tenna li meta huwa kien qieghed hdejn il-Mc Donalds ikkonstata li l-vettura li tappartjeni lil Clint kellha xi grif fil-genb fiz-zona fejn kien dahal bil-vettura l-imputat. Dawn il-vetturi kienu pparkjati wicchom lejn il-vettura t-tnejn, wahda pparkjata hdejn l-ohra. Ix-xhud ha l-impressjoni li kienu t-tnejn ipparkjati skond il-ligi pero’ b’dubju jekk il-vettura tal-imputat kinitx fuq il-parking tal-Mc Donalds.

Ix-xhud iddikjara li huwa kemm-il darba sikket lill-imputat meta kienu barra fit-triq biex huwa jieqaf mid-diskors li beda jghid u s-surgent ukoll xi hin kien sikket lill-imputat. Huma kienu ser jaghmlu l-*breathyliser test* lill-imputat izda peress li qal li ma kienx qed isuq hu, huma ma setghux jaghmlulu dan it-test. L-imputat kien qal li ma kienx fis-sakra u ma kienx xorob. Pero’ minn halq l-imputat kienet hierga riha ta’ alkohol. Ix-xhud iddikjara li l-imputat ma kienx qallu kliem ta’ theddid fil-konfront tieghu pero’ kien imbuttah.

**PC 1207 Robert Said Sarreo** xehed fl-10 ta' Settembru, 2010 fejn iddikjara li fit-28 ta' Marzu, 2010 ghall-habta tas-6.50pm huwa kien xoghol l-ghassa ta' San Giljan flimkien ma' PC 446 u PC 1370. Xi hin gie certu Clint Mifsud gewwa l-ghassa u qalilhom li xi hadd laqatlu l-karozza tieghu meta l-vettura tieghu kienet ipparkjata hdejn il-Mc Donalds ta' San Giljan. Ghalkemm Mifsud gibed l-attenzjoni tax-xufier, huwa ma tax kas u baqa' diehel gewwa l-Mc Donalds. PC 1370 kien mar ma' dan Clint hdejn il-Mc Donalds u meta x-xhud kien l-ghassa gie PC 446 jghajjatlu sabiex jassistu lil PC 1370. Ix-xhud tenna li huwa kif hareg mill-ghassa ra lil Michael Xuereb li qed jaghrfu bhala l-imputat prezenti fl-awla li beda jargumenta mal-Pulizija.

Ix-xhud ra lill-imputat jaghti daqqa ta' sieq lill-karozza tieghu stess u mar hdejh jistaqsih x'gara. Huwa beda jghid lill-imputat sabiex jikkalma u talbu biex imur maghhom l-ghassa halli jitkellmu bil-kwiet izda wiegbu b'dan il-kliem "U x'nigi l-ghassa, l-ostja!" Ix-xhud innota illi l-imputat kellu riha ta' alkohol u kien pjuttost agitat. Ix-xhud flimkien ma' PC 446 qabduh wiehed minn id u l-iehor minn id ohra

biex jiehduh l-ghassa. Meta x-xhud qallu biex imur l-ghassa, l-imputat beda jghidilhom li mhux gej u jhalluh, ma jmissuhx.

L-imputat offra rezistenza u fil-fatt meta waslu fil-bieb tal-ghassa dan habat mal-bieb tal-ghassa u ma riedx jidhol izda mbaghad dahhluh u poggewh bilqieghda hdejn il-bieb. Dak il-hin l-imputat qabad il-mobile ha jcempel izda peress li kien fi stat ta’ arrest qalulu li ma setghax icempel u talbuh jaghtihom il-mobile. L-imputat irrifjuta izda wara tahulhom. Huwa spjega li staqsewh biex jaghmel *breathyliser test* izda huwa rrifjuta. Qalulu biex icempel lill-avukat pero’ wiegeb li jiddeciedi jekk ikellimx avukat jew le wara li jkellem lill-missieru. Il-Pulizija cemplu lil missieru biex jigi halli jikkalma lit-tifel u x’hin gie dana kellem lil ibnu u l-imputat accetta li jgib avukat.

Ix-xhud spjega li huma pruvaw jikkuntatjaw lil Dr Lofaro pero’ ma setghux jaqbduh. Pero’ mbaghad wara xi hin missier l-imputat qabad lill-avukat u r-risposta kienet li kien ser ikellem lill-imputat l-ghada. Aktar tard gie l-warden l-ghassa u kellem lill-imputat, l-imputat kien qal lill-warden li kienet il-mara tieghu li kienet saqet. X’hin tlesta

kollox haduh lejn il-lock up u huwa beda jiskuza ruhu maghhom ghal dak li ghamel. Ix-xhud stqarr illi huma kienu qalu lill-imputat biex jaghmel *breathiliser te*st qabel mal-warden kien gie jkellem lill-imputat l-ghassa. Huwa tenna li meta kien qieghed hdejn il-Mc Donalds ra z-zewg vetturi u cioe' dik ta' Clint u tal-imputat. Huwa ra li l-vettura ta' Clint kellha hsarat fejn hu kien qalilhom li kellha l-hsarat u nnota li in kwantu ghall-vettura tal-imputat kellha diversi hsarat. Dawn il-vetturi kienu pparkjati hdejn xulxin pero' ma kinux qed imissu ma' xulxin. Meta huma eskortawh bil-karozza, wara huwa kkalma u beda jiskuza ruhu dwar l-akkadut.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn gie ikkonferma li meta kien gie missier l-imputat ikellem lil ibnu, l-imputat kien ikkalma. Huwa esebixxa l-okkorrenza ffirmata minnu stess li giet immarkata bhala Dok RS1.

**PC 446 Joseph Mifsud** xehed fl-10 ta' Settembru, 2010 fejn iddikjara li fit-28 ta' Marzu, 2010 xi s-7.00pm huwa kien ghadu kif wasal l-ghassa ta' San Giljan u kien qieghed jipparkja quddiem din l-ghassa.

Huwa nnota li PC 1370 kien hdejn il-Mc Donalds ta' San Giljan u kien gej lejn ix-xhud u ra wkoll persuna li bdiet taghti b'saqajha fuq il-mudguard ta' karozza. Hekk kif ra lil PC 1370 gej lejh, staqsieh xi gralu u rrispondieh li kien hemm wiehed involut f'argument, illi kien qallu biex imur l-ghassa pero' rrifjuta l-arrest u kien ukoll imbuttah. Ix-xhud ghajjat mit-tieqa lil PS 1207 halli jigi jaraw x'hemm. Kif huma marru fuq il-post sabu lill-imputat . Ix-xhud xammlu riha ta' xorb fuqu u qallu l-affarijiet mhux hekk, u qallu biex imorru l-ghassa u jirragunaw hemm. Hekk kif qallu dan il-kliem, l-imputat kien ha jidhol il-Mc Donalds u qallu l-kliem "U x'nigi l-ghassa, l-ostja!" Ix-xhud qabdu minn idejh in-naha tax-xellug dana gholla idu huwa mbaghad qabdu mill-polz ghax dan ried jibqa' diehel gol-Mc Donalds u ressqu lejhom il-Pulizija. Is-surgent talab lill-imputat biex imur maghhom bil-kwiet u wara biex imbaghad imur taht arrest. L-imputat deher li ma kienx f'sensieh u ma riedx imur l-ghassa u ghalhekk ix-xhud u s-surgent qabduh biex jehduh l-ghassa. Hawnhekk l-imputat irrezista u kif waslu hdejn il-bieb tal-ghassa, l-imputat beda jzomm mal-bieb tal-ghassa u ma riedx jidhol. L-imputat beda jghidilhom certu diskors bhal, "*issa tara x'jigrilkom*" u beda jsemmi lil missieru u beda jghid illi huwa dalwaqt jitlaq minn hemm u dalwaqt johorguh. Huma dahluh

gewwa, poggewh fuq il-bank u l-imputat prova jcempel lil missieru pero' peress li kien taht arrest qalulu li ma setghax juza l-mobile. Ix-xhud ipprova jehodlu l-mobile tal-imputat pero' beda jghafas il-mobile f'idejh biex ma jiehduhx izda mbaghad tahulu. Wara ghamlulu tfittxija u tefghuh fic-cella. Gie missier l-imputat u skuza ruhu f'isem it-tifel u qalilhom li t-tifel qed ikollu xi problemi familjari.

Wara gie l-warden u hekk kif spicca xogholu s-Surgent qal lix-xhud biex johduh il-*lock up*. Ix-xhud spjega li huwa kien staqsa lis-surgent x'ser jaghmlu dwar *breathiliser*, is-surgent qallu li l-imputat kien qed jirrifjuta u x-xhud wiegbu biex jaghmlu dokumentazzjoni li qed jirrifjuta. Meta s-surgent staqsa lill-imputat jekk riedx jaghmel il-*breathiliser* u dan irrifjuta x-xhud kien prezenti u kien hemm anke missier l-imputat prezenti. Wara missier l-imputat kien kellem lil ibnu u fil-karozza l-imputat kien gab ruhu sew.

**Clint Mifsud** xehed fl-10 ta' Settembru, 2010 fejn iddikjara li fit-28 ta' Marzu, 2010 huwa pparkja l-vettura tieghu tal-ghamla Kia Cee'd ta' kulur griz bin-numru ta' registrazzjoni CLT117. Huwa kien ipparkja l-

karozza xi s-6.35pm u kien qieghed wahdu quddiem il-Mc Donalds ta' San Giljan. Huwa baqa' fil-vettura biex jistenna lit-tfajla tieghu tispicca mix-xoghol. F'daqqa wahda nnota vettura gejja minn warajh li kienet vettura Chevrolet bin-numru ta' registrazzjoni XEV104. Ix-xhud spjega li dan laqatlu z-zewg bibien tan-naha tax-xufier. Huwa ddikjara li din il-vettura kienet qed tinstaq minn ragel li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Hdejn ix-xufier kien hemm prezenti mara u fuq wara kien hemm tarbija. Ix-xhud hareg mill-karozza u nnota li x-xufier flimkien mal-mara u t-tarbija kienu dehlin gewwa l-Mc Donalds. Huwa ttawwal lejn il-bieba tal-karozza tieghu fis-sens illi ra z-zewg bibien tan-naha tieghu u nnota li kienu milquta. Ix-xhud stqarr illi minflok baqa' diehel wara dan ir-ragel li laqatlu l-karozza, huwa mar jghid lill-Pulizija li dan ir-ragel laqatlu l-karozza u gie dan il-pulizija mieghu. Ghall-ewwel gie Pulizija wiehed izda mbaghad gew tnejn ohra.

Ix-xhud tenna li hekk kif huwa qal lill-imputat li kien laqtu, huwa wiegbu li jekk laqtu huwa ma kien ser jiehu xejn. Wara l-imputat hareg barra b'ghajjat u l-Pulizija staqsieh x'gara u qabad jghajjat kemm mal-pulizija u anke max-xhud. Hin minnhom ix-xhud jaf li l-

imputat imbotta lill-Pulizija li dak il-hin kien ghadu wahdu u mbotta lilu  ukoll. F'dan il-mument gew iz-zewg pulizija l-ohra u dahhlu lill-imputat l-ghassa. Meta x-xhud kellem l-ewwel darba lill-imputat dakinhar gew wicc imb'wicc u xammlu riha ta' xorb. Ix-xhud tenna li waqt it-tragitt lejn l-ghassa, l-imputat beda jirrezisti lill-Pulizija. Huwa kien dahal l-ghassa biex jara x'ser jigri u cempel lil warden. Hekk kif gie l-warden huwa ghamel sketch li x-xhud esebixxa u li giet immarkata bhala Dok. CMA 1.  Ix-xhud iddikjara li huwa sewwa l-vettura tieghu u l-ammont tat-tiswija gietu madwar mija u hamsin ewro (€150). Huwa prometta li jipprezenta d-dokumentazzjoni necessarja f'seduta ohra.

**Clint Mifsud** rega' xehed fis-17 ta' Jannar, 2011 fejn ipprezenta ricevuta li giet immarkata bhala Dok. MCA u spjega li din hija ricevuta rigwardanti l-hlas tal-hsara fil-bieba tal-vettura tieghu li huwa soffra rigwardanti l-kaz odjern.

**Warden 265 Mark Aquilina** xehed fl-10 ta' Settembru, 2010 fejn iddikjara li fit-28 ta' Marzu, 2010 huwa gie msejjah biex imur Triq it-

Telgha ta’ San Gorg, San Giljan quddiem il-Mc Donalds. Huwa sab fuq il-post zewg vetturi u precizament vettura bin-numru tar-registrazzjoni XEV 104 tal-marka Chevrolet u skond ir-rapport tieghu x-xufier hija Julie Xuereb u l-vettura l-ohra bin-numru ta’ registrazzjoni CLT117 tal-marka Kia Cee’d li skond informazzjoni li gabar fuq il-post, ix-xufier kien Clint Mifsud. Ix-xhud kien kellem persuna ta’ sess maskili gewwa l-lock up tal-ghassa ta’ San Giljan li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla li kien qallu li x-xufier ma kienx hu izda kienet Julie Xuereb. L-imputat kien qallu li in kwantu ghall-vettura Chevrolet XEV104, din kellha xi daqqiet li kienu ta’ xi incident iehor. In kwantu ghall-hsarat fuq il-vettura CLT117 ta’ Clint Mifsud, dan qal lix-xhud illi kellu hsarat fuq zewg bibien. Ix-xhud ikkonferma li ra l-hsarat fuq dawn iz-zewg bibien. Ix-xhud esebixxa d-dokumentazzjoni kollha necessarja li giet immarkata bhala Dok. MAS 1. Ix-xhud qal li r-ritratti esebiti f’din id-dokumentazzjoni gibidhom huwa stess.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn sostna li meta huwa kien kellem lill-imputat l-ghassa kien hemm distanza ta’ bejnu u bejn l-

imputat ta' qisu xi hames piedi u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jikkonstata jekk dana kellux riha ta' xorb jew le.

**Brian Farrugia** xehed fis-17 ta' Jannar, 2011 fejn iddikjara li qieghed jixhed in rapprezentanza ta' Transport Malta u gie mitlub sabiex jaghmel verifiki rigwardanti vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAT 117 tal-ghamla Kia Seat ta' kulur griz. Mill-verifika li ghamel jirrizulta li din hija registrata f'isem Louis Mifsud detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 435354(M) u ilha registrata hekk mid-29 ta' April, 2009 u ghadha hekk sallum.

Rigward il-vettura l-ohra li x-xhud ntalab jaghmel il-verifiki dwarha spjega li din hija vettura b'numru tar-registrazzjoni XDV 104 ta' kulur iswed u tal-ghamla Chevrolet Lancetti. Mill-verifiki li ghamel jirrizulta li dina l-vettura tghajjat lil Michael Daniel Xuereb detentur tal-karta tal-identita bin-numru 458001L u ilha hekk mis-sebgha ta' Ottubru, 2004 u ghadha hekk sallum.

Huwa kien gie mitlub ukoll sabiex jaghmel verifiki jekk Michael Daniel Xuereb detentur tal-karta tal-identita bin-numru 458001L ghandux licenzji tas-sewqan wiegeb illi dan kien gab licenzja tas-sewqan taht il-kategorija B fid-9 ta' Novembru 2007 pero' din giet revokata fis-27 ta' Ottubru tas-sena 2009. Fil-prezent ma ghandu l-ebda licenzja tas-sewqan.

**Lauren Micallef** xehdet fil-31 ta' Mejju, 2011 fejn iddikjarat li fl-2010 pero' ma tiftakarx il-gurnata ta' meta sehh, hija kienet go restaurant bl-isem ta' 'Wagamama' u kienet qieghda tiekol fuq il-parti ta' barra tar-restaurant u kien hemm karozza pparkjata li hija kienet qed thares lejha u jidhirlha li kienet Kia ta' kulur ahdar. Hija mbaghad rat karozza ta' kulur iswed li kieneq qieghda tinstaq bi speed qawwi u rat li l-persuna li kienet qieghda gewwa l-Kia harget minn gol-karozza u qalet li x-xufier tal-karozza s-sewda messlu l-karozza. Hija qalet li x-xufier tal-karozza ta' kulur iswed huwa l-imputat li qieghda taghrfu presenti fl-awla. Ix-xhud ma tafx x'mudell kellha l-karozza s-sewda pero' taf li kellha hafna daqqiet. X'hin il-persuna tal-karozza l-hadra qalet lix-xufier tal-karozza s-sewda li kien laqatlu l-karozza, ix-xufier

tal-karozza s-sewda qal li mhux veru u spiccaw jargumentaw. Hija ma rathomx jaghtu bl-idejn izda rathom jargumentaw.

Ix-xhud imbaghad rat lix-xufier tal-karozza s-sewda miexi 'l fuq u l-persuna li kien gol-karozza l-hadra mar jghajjat ghall-pulizija. Sussegwentement waslet il-pulizija fuq il-post, u hija rat lill-imputat li qabduh il-pulizija u beda jghajjat biex ma jmissuhx il-pulizija u beda jissara naqra mal-pulizija ghax dawn zammewh. Hija semghat lill-imputat jghid l-iktar biex ma jmissuhx il-pulizija. Ix-xhud wara regghet marret bilqieghda.

**PS 1370 Antoine Micallef** xehed fis-17 ta' Lulju, 2013 in kontro ezami fejn iddikjara li hin minnhom kien ghamel idejh fuq il-minkeb tal-imputat u l-imputat gibed ftit idejh lura u bl-ohra imbutta lix-xhud minn nofs sidru. Dak il-hin l-imputat kien dahru lejn il-Mc Donalds u x-xhud kien faccata tieghu ezatt. Huwa sostna li ma kienx hemm aktar kuntatt fiziku bejnu u bejn l-imputat ghax dak il-hin gie PC 446 li kien bil-karozza tas-servizz, ra l-kommozzjoni u ghajjat lis-surgent li kien gewwa dak il-hin u hargu flimkien sabiex jitkellmu mieghu huma.

Dak il-hin kien hemm ghajjat u kliem hazin u bdew jingabru n-nies ukoll.

**L-imputat Michael Daniel Xuereb** xehed fis-17 ta' Lulju, 2013 fejn iddikjara li dakinhar tal-incident in kwistjoni huwa kien hareg mal-mara tieghu Julie Xuereb biex jieklu. Wara li kielu, martu li kellha t-tifel taghha maghha talbitu biex imorru sal-Mc Donalds sabiex igiebulu x'jiekol liz-zghir u hekk ghamlu. Ix-xhud qal li apparti huma kien hemm ukoll habiba ta' martu, it-tifla taghhom u t-tifla tal-habiba tal-mara.

Sussegwentament marru l-Mc Donalds ta' San Giljan u dak il-hin kienu l-imputat, il-mara tieghu u t-tifla taghhom li kellha sena. Huwa spjega li kif kienu dehlin biex jipparkjaw il-karozza kien hemm certu guvni Clint li qatt ma kien iltaqa' mieghu qabel dakinhar u kif ipparkjaw il-karozza rah ihares lejn il-karozza tieghu minn barra t-tieqa. L-imputat spjega li l-karozza tieghu kienet thares lejn stabbiliment li huwa bieb ma' bieb mal-Mc Donalds. Huwa biex jipparkja kellu jdur daqsxejn ghax ma dahlux dritt gol-*parking*. Hekk kif ipparkja ra lil dan il-guvni fil-karozza tieghu li beda jhares lejn il-

bieba tieghu tal-karozza u l-imputat staqsieh jekk garax xi haga u huwa wiegbu li ma kien gara xejn.

L-imputat dahal il-Mc Donalds biex jixtru u kif kien qieghed hemm dan l-istess guvni dahal warajh u qallu *"ohrog barra mieghi ghax ghandi daqqa fuq il-karozza"*. L-imputat kien wiegbu *"tghidlix li ghandek daqqa ghax ha nghidlek mur tnejjek mhux vera"*. Huwa baqa' jinsisti biex johrog barra u kif hareg barra sab il-pulizija u Clint qallu li din id-daqqa ma kinitx hemm. L-imputat wiegbu *"ga ghidtlek jekk tghidli ghandek daqqa ha nghidlek mur tnejjek"* u dar u qabad miexi lura lejn il-Mc Donalds. Dak il-hin il-Pulizija qabdu minn idu u nehhielu idu minn fuqu u qallu biex ma jmissux. Il-Pulizija talbu biex jidhol l-ghassa mieghu izda wiegbu li ma riedx jidhol ghax ma ghamel xejn u nehhielu idu ghax il-pulizija qabdu min bejn spalltu u bejn il-minkeb. Huwa jaf li dar biex inehhilu idu u qallu *"tmissnix"* u laqatlu jdejh u dak il-hin gew tnejn jew tliet pulizija ohra u bdew jippruvawh idahhluh l-ghassa. Qalilhom li mhux ser jidhol ghax jaf li ma laqtux lil dan u bdew idahhluh bis-sahha. Huwa rrezista dak il-hin kif qabzu tlieta fuqu biex idahhluh l-ghassa. Wara huwa dahal l-ghassa u kien ser jipprova jcempel lill-avukat tieghu stess u huma dahhluh fil-kamra

ta' wara u qalulu li huma ha jcemplu lill-avukat tieghu. Huwa ma jiftakarx jekk l-avukat kienx gie dakinhar jew l-ghada filghodu.

F'dan il-perjodu huwa nzamm arrestat fil-*lockup* ta' San Giljan u wara haduh id-Depot tal-Floriana u kellhom kaz ta' emergenza. Dan il-kaz aktarx li kien il-Gimgha jew is-Sibt u zammewh tmienja u erbghin siegha hemmhekk fil-*lockup* u kellu kaz ta' emergenza t-Tnejn filghodu u baqghu gejjin mid-Depot stess. Huwa specifika li mid-Depot regghu nizluh l-ghassa ta' San Giljan biex ghamel ir-report u minn hemm regghu haduh id-Depot u mbaghad mid-Depot gabuh il-Qorti.

L-imputat kompla jixhed in kontro ezami fejn ikkonferma li kienu staqsewh biex jaghmel il-*breathiliser* test meta gie mitlub biex jaghmel dan mill-Pulizija u huwa ma riedx jaghmlu. Mistoqsi jekk kienx xorob dakinhar wiegeb li kienu marru jieklu wara nofsinhar u kienu hadu xi flixkun inbid bejn tlieta minn nies ghax kielu l-hut u hadu l-inbid mieghu u wara hadu *liquor* li kien Sambuca.

L-imputat gie mistoqsi in ri-ezami x'hin kienu kkonsmaw il-flixkun tal-inbid u hu wiegeb li jahseb li kienu bejn nofsinhar (12:00) u l-erbgha (4:00) ta' wara nofsinhar.

Illi nhar is-17 ta' Lulju 2013 id-difiza iddikjarat li ma kellhiex xhieda ohra xi tressaq u li in effetti dakinhar stess saret it-trattazzjoni kemm tad-difiza kif ukoll tal-prosekuzzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 5 ta' Mejju, 2014.

Illi dakinhar deher l-imputat assisti minn Dr. Mark Simiana u l-ufficcjal prosekutur li ddikjaraw li kienu qed jezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga' tisma' ix-xhieda li gja iddeponew u in oltre ghamlu referenza

ghat-trattazzjoni taghhom li tinsab inserita fil-process stante li hija dattilografata u talbu li din il-kawza tibqa' ghas-sentenza quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 96 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali gie ezaminat ghal dak li jirrigwarda l-elementi rikjesti ghall-kostituzzjoni tieghu b'diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appelli Kriminali. Fost dawn is-sentenzi wiehed isemmi s-segwenti: **Il-Pulizija vs Anthony Attard et** deciza fl-1 ta' Lulju, 1946; **Il-Pulizija vs Alfred W. Luck et** deciza fil-25 ta' April, 1949; **Il-Pulizija vs Leslie Hewitt** deciza fil-25 ta' Marzu, 1950 u dawk aktar ricenti fosthom **Il-Pulizija vs Ezzawi Mehemmed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** deciza fit-12 ta' Settembru, 1996 u **Il-Pulizija vs Mario Cuschieri** deciza fis-17 ta' Ottubru, 1997.

L-**Artikolu 96** jirrikjedi li l-attakk jew ir-resistenza jkun "bi vjolenza jew b'hebb". Hija din l-espressjoni li tat lok ghal mhux ftit diskussjoni kemm fil-gurisprudenza kif ukoll fost il-guristi. Mill-gurisprudenza nostrana kif ukoll mid-dottrina din il-Qorti tikkonkludi li sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-**Artikolu 96** irid jkun hemm dak li gie deciz fis-sentenza, sentenza moghtija fis-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg** fejn gie tenut li:

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigix effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan r-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere*

*l'offensiva' jew irrezista ' il fatto di prendere la difensiva ' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resiztenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb.*"

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta minn varji xhieda li effettivament l-imputat hebb ghall-pulizija. Fil-fatt Clint Mifsud jghid "*Wara l-imputat hareg barra b'ghajjat u l-Pulizija staqsieh x'gara u qabad jghajjat kemm mal-pulizija u anke max-xhud. Hin minnhom ix-xhud jaf li l-imputat imbotta lill-Pulizija li dak il-hin kien ghadu wahdu".* PC 1370 Antoine Micallef jghid ex admisses fir-rigward tal-imputat "l-*imputat ma kienx qallu kliem ta' theddid fil-konfront tieghu pero' kien imbuttah*" u izid jghid in kontro ezami " *li hin minnhom kien ghamel idejh fuq il-minkeb tal-imputat u l-imputat gibed ftit idejh lura u bl-ohra imbotta lix-xhud (b' referenza ghalih) minn nofs sidru*".

M'hemmx dubbju li dan l-agir tal-imputat fil-konfront ta PC 1370 jammota ghar-reat kif dispost fl-**Artikolu 96** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 95** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddisponi s- segwenti:-.

> "*kull minn jingurja jew jhedded jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz...*"

Dan ir-reat huwa dak ta' oltraggio kif kontemplat fl-**Artikolu 194** tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita’ specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficcjal pubbliku u cioe' kif jghid **Crivellari** fil-ktieb tieghu ***Codice Penali***[1], li

> "*questo delitto si fa consistere dagli scrittori nell'offendere in qualsiasi modo con parole ed altro un pubblico ufficiale*

[1] Vol. 6, pag 213  para 358 (Ediz. 1890)

*ad una persona legittimamente incaricata di un pubblico servizio in loro presenza e nell'ezercizio o per cauze delle loro funzioni ad uno pubblico amministrazione nel tempo delle sue ordinanze ed al cospetto di essa.*"

L-istess awtur izid jghid li:

"*l' offesa nel delitto di oltraggio non deve essere, secondo la scienza, l'inguria semplice o la diffamazzione ma la conculcazione aperta del valore morale della persona per esprimerle la proprio disistima e provocare sifatta disistima con qualsiasi forma dell' attivita sia parola, sia gesti, sia minaccia, sia percossa, sia altre qualunque violenze ... la condizione per cui l'offesa all'autorita dello stato e` che il fatto costituente offesa contro la persona di colui che rappresenta lo stato abbia luogo nell'esercisio o per cause delle sue funzione. Cosiche l'esercizio o per cause delle sue funzione, deve avere avuto un efficacia determinatrice al prorompere nell'offesa.*"

L-element ta' dan ir-reat kif jghid **Crivellari**[2] u kkonfermati fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Amante Camilleri</u>**[3] huma s-segwenti:

1. e' necessario un'offesa qualsiasi all'onore, alla ripetizione, al decoro;
2. soggetto passivo del delitto non puo essere che un pubblico ufficiale;
3. l'offesa dev'essere fatta con parole o con fatti;
4. vuolsi la presenza del soggetto passivo non e` necessaria la pubblicita`;
5. l'offesa dev'essere fatta a causa dell'esercizio delle funzioni;
6. l'elemento intenzionale.

[2] ibid.
[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) -- 17 ta' Ottubru, 1997 (App. Nru. 379/96)

Fis-sentenza fuq citata, il-Qorti tal-Appelli Kriminali qalet li biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg, hemm bzonn:

a. li l-kliem denunzjali bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u

b. li jkunu inghadu *officio durante nel contemplatione officii*, u

c. li l-kliem jigu profferiti fil-presenza tal-ufficjal in kwistjoni, ossia di visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat tal-oltragg, izda dak ta' ingurja komuni, u

d. li l-kliem ikunu fil-fatt ingurjuzi, u

e. li jkun hemm l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku.

L-interpretazzjoni ta’ dan l-Artikolu skond il-gurisprudenza Taljana hija l-istess u cioe’ tinghata l-istess tifsira u interpretazzjoni.

Fil-ktieb ***Il Codice Penale Italiano Illustrato***[4] ta' **Giovan Battista Impallomeni** taht it-**Titolu III para 393** imsejjah **Dei delitti contro la pubblica amministrazione** jigi enfasizzat li l-legislatur ghamel dan ir-reat ghalih, u cioe' li tingurja ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu, b'mod distint milli thedded jew tingurja cittadin komuni peress illi l-ligi trid tipprotegi l-amministrazzjoni pubblika:

> *"ma l' inguria, la violenza, le minaccie possono essere commesse contro il pubblico ufficiale non a causa delle sue funzioni ma nell' esercizio dell'amministrazione poiche insieme con l'offesa alla persona e disturbato la pubblica funzione".*

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale***[5] jiddeskrivi r-reat ta' oltragg bhala:

> *"non e' altro che una forma speciale di inguria della quale presenta tutti gli elementi costitutivi esigenti in piu' che il*

[4] Vol. II, pag. 222 (Ediz. 1890)
[5] Vol. II, pag. 771 (Ediz. 1977)

*soggetto passivo sia un pubblico ufficiale, e che questi venga offeso a motivo o mentre esercita la sua funzione*".

L-istess awtur jaghmel enfasi fuq il-kliem "*la sua funzione*" ghaliex jghid li:

*"e un requisito obbiettivo e nesso funzionale e cioe la necessita che l'offesa avvenga a causa o nell'esercizio delle funzioni. Se difetta tale nesso il fatto dara' luogo al delitto di inguria".*

Ghalhekk jirrizulta li jrid ikun hemm "*il nesso di casualita tra l'offesa e la funzione*".

L-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[6] kompliet telabora u tghid illi:

[6] supra Vide footnote no. 3

"*hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali) cioe' dana l-animu ingurjandi, jigi presunt u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragjonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kutrarja li intqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dak il-kliem kienu diretti tkun ingurjata cioe' bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dak il-persuna.*"

L-eccezzjoni pero', kompliet tghid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata, hi:

"*jekk pero' il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid ssir indagini biex wiehed jistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx, sal-grad li trid il-ligi f'materja penali, li dak il-kliem intqal f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu injgurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u li intqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikunu per se mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista' jaghti l-kaz li jkunu intqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju b'cajta (animus*

*jocandi) jew filwaqt li l-agent ikun qiegħed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi)".*

In oltre, fil-kaz **Il-Pulizija vs Emanuel Pace**[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissusisti d-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjat bhala ingurjuz, jkun inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz "*officio durante ad contemplazione officii*".

Fil-fatt, jekk persuna li tkun pulizija tinzerta f'post u tigi ngurjata jekk ma tkunx hemm fuq xi ordni specifiku izda b'semplici kumbinazzjoni, allura dan id-delitt ma jesiztix.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Farrugia**[8] l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li jekk il-kliem li jintqal mill-agent lejn ufficjal pubbliku, jintqal b'sens ta' kritika, l-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista' b'ebda mod tigi penalizzata, anke jekk dik il-kritika tiehu l-forma ta'

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali (CA) – 30 ta' April, 1993 (App. Nru. 217/91)
[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) – 16 ta' Frar, 1998 (App. Nru. 194/96)

rimarka ironika jew addirittura sarkastika. F'dak il-kaz ir-reat in desamina ma jirrizultax.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuele Cassar**[9] il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg, hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-kwalita' ta' ufficjal pubbliku u filwaqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu, l-att ingurjuz tal-oltragg jirrikjedi l-element morali, jigifieri l-intenzjoni li l-hati joffendi lill-ufficjal li jkun, u ghalhekk meta ma hemmx dik l-intenzjoni ma hemmx l-oltragg, imma jista' jkun hemm kontravenzjoni ohra.

Ghalhekk dwar it-tieni akkuza, u cioe' li l-imputat hedded w ingurja lil PC 1370, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, il-Qorti tirrileva li ezaminat bir-reqqa kollha li ma jirrizutax li kien hemm xi mument meta l-imputat ingurjah jew heddu. Fil-fatt l-imputat lil dan PC 1370 ex admisses jghid "l-*imputat ma kienx qallu kliem ta' theddid fil-konfront tieghu pero' kien imbuttah."* Jidher li l-imputat kien irrabjat u qal xi diskors zejjed pero' minn analizi ta' dak li stqarr l-istess PC 1370 din l-akkuza ma tirrizultax.

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali – 12 ta' Dicembru, 1936 (Vol. XXIX/iv/593)

Fit-tielet lok gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif kontemplata fl-**Artikolu 388 (ee) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li tiddisponi s-segwenti:-

**338.** Huwa ħati ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min -

**(ee)** *"ma jobdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra*";

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvic Attard Gialanze** dwar il-kontravenzjoni in desamina fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-**Artikolu 338(ee)** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qalet li;

> *"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita', ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja intransika ta' dak l-ordni. [*vide sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Austin Grech**]*. Ordni jitqies legittimu ai fini tal-kontravenzjoni fil-paragrafu **'ee' tal-Artikolu 338** tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata."*

Issa meta l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi jirrizulta li l-imputat inghata ordnijiet minghand ufficcjali tal-pulizija u cioe' sabiex jakkompanjhom l-ghassa izda l-imputat ma kkooperax u rrezista. Fil-fatt PC 1370 Antoine Micallef ex admisses jghid :- "*Wara li miss id l-imputat u qallu biex imur mieghu l-ghassa ... l-imputat qallu l-kliem "x'nigi l-ghassa, l-ostja!" .......Iddikjara li l-imputat irrifjuta li jmur maghhom l-ghassa... Din il-kommossjoni damet xi kwarta ghaddejja. L-imputat nonostante t-twissija li nghata xorta rrifjuta li jmur l-ghassa. Huwa spjega li meta s-Surgent u PC 446 ippruvaw idahhlu lill-imputat*

*gewwa l-ghassa ta' San Giljan, dana offra rezistenza*." PC 1207 Robert Said Sarreo ukoll fix-xhieda jghid li l-imputat ma odbiex l-ordni legittima taghhom sabiex jakkompanja lis-surgent fl-ghassa. In fatti jghid:- *"Huwa beda jghid lill-imputat sabiex jikkalma u talbu biex imur maghhom l-ghassa halli jitkellmu bil-kwiet izda wiegbu b'dan il-kliem "U x'nigi l-ghassa, l-ostja!"* PC 446 Joseph Mifsud jikkonferma li l-imputat ma obdiex l-ordni moghtija lilu mill-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Dan jghid:-*"Is-surgent talab lill-imputat biex imur maghhom bil-kwiet u wara biex imbaghad imur taht arrest. L-imputat deher li ma kienx f'sensieh u ma riedx imur l-ghassa u ghalhekk ix-xhud u s-surgent qabduh biex jehduh l-ghassa. Hawnhekk l-imputat irrezista u kif waslu hdejn il-bieb tal-ghassa, l-imputat beda jzomm mal-bieb tal-ghassa u ma riedx jidhol."* L-imputat stess ukoll jammetti fix-xhieda tieghu li ma obdiex il-pulizija u jghid *"Il-Pulizija talbu biex jidhol l-ghassa mieghu izda wiegbu li ma riedx jidhol ghax ma ghamel xejn u nehhielu idu ghax il-pulizija qabdu minn bejn spalltu u bejn il-minkeb. Huwa jaf li dar biex inehhilu idu u qallu "tmissnix" u laqatlu jdejh u dak il-hin gew tnejn jew tliet pulizija ohra u bdew jippruvawh idahhluh l-ghassa"*

Illi ghalhekk mhemmx dubju li stante din il-Qorti ma sabitux hati tat-tieni akkuza ta' oltragg qed issibu hati ta' din it-tielet akkuza u dan ghaliex f'kaz li sabitu hati tat-tieni akkuza dik l-akkuza kienet tinkludi din it-tielet wahda.

L-imputat fir-raba' lok gie akkuzat talli ta taghrif falz u cioe' bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 188(1) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel..."*

Dwar din ir-raba' akkuza l-Qorti ma tistax tifhem ghaliex inghatat lill-imputat u cioe' fejn ta tgharif falz f'dokument pubbliku. Il-Qorti la hi konxja ghal liema dokument qed tirreferi l-prosekuzzjoni u ghalhekk wisq inqas liema stqarrija falza ghamel. Jekk il-prosekuzzjoi qed tirreferi ghall-fatt li f'xin hin l-imputat meta qal li kienet il-mara tieghu

li kienet qed issuq il-karozza kif donnu setgha jirreferi PC 1370 Antoine Micallef dan il-fatt zgur li ma giex provat kif imiss. Din l-akkuza ma tirrizultax.

Dwar il-hames akkuza u cioe' dik ta' hsara involontarja ai termini tal-**Artikolu 328(d) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta billi bi traskuragni negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel fil-vettura numru ta' registrazzjoni CLT 117 proprjeta' ta' dan Clint Mifsud . Jidher li l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'din l-akkuza minhabba li huwa laqat il-vettura ta' Clint Mifsud waqt li kien ser jipparkja quddiem l-istabbiliment Mc Donalds. L-imputat jichad li mess il-vettura ta' dan Mifsud u ighid li kien ma' martu pero' lil martu ma ressaqiex il-Qorti sabiex tikkonferma il-verzjoni tieghu. Minflok din il-Qorti hija ffaccjata bil-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn dan Mifsud kif korroborata minn terzi.

**Clint Mifsud -** *"spjega li dan (b' referenza ghall-imputat) laqatlu z-zewg bibien tan-naha tax-xufier. Huwa ddikjara li din il-vettura kienet qed tinstaq minn ragel li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Ix-xhud iddikjara li huwa sewwa l-vettura tieghu u l-ammont tat-tiswija gietu madwar mija u hamsin ewro (€150) u dan skond dok.MCA*

*esebit fl-atti)."* Warden 265 Mark Aquilina kkonferma fix-xhieda tieghu li kien ra l-hsara fuq iz-zewg bibien tal-vettura ta' Clint Mifsud u kien gibed xi ritratti. PC 1207 Robert Said Sareo ukoll jghid li:

*"ra li l-vettura ta' Clint kellha hsarat fejn hu kien qalilhom li kellha l-hsarat u nnota li in kwantu ghall-vettura tal-imputat kellha diversi hsarat".* Lauren Micallef xhud okulari tal-incident tghid li hija kienet qed tiekol fl-istabbiliment Wagamama u rat sewwieq b'karozza sewda jolqot il-vettura hadra ta' Clint Mifsud. Tghid li semghet lil Clint Mifsud jghajjat ma' dan is-sewwieq biex jigbidlu l-attenzjoni li kien laqtu pero' dan baqa' sejjer lejn il-Mc Donalds.

L-imputat jichad li fil-fatt kien laqat il-vettura tal-imputat pero' il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Clint Mifsud u korroborata minn terzi persuni fosthom ufficcjali tal-pulizija hija aktar kredibbli.

Din il-hames akkuza tirrizulta provata.

Fis-sitt istanza l-imputat gie akkuzat talli saq il-vettura numru ta' registrazzjoni XEV 104 tal-ghamla Chevrolet fi Triq jew post pubbliku (Triq San Gorg San Giljan) meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, u aktar talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina u dan kif dispost fl-Artikolu 15A tal-Kap. 6 tal-Ligijiet ta' Malta.

PC 1370 Antoine Micallef dwar din l-akkuza jghid *"Huma kienu ser jaghmlu l-breathyliser test lill-imputat izda peress li qal li ma kienx qed isuq hu, huma ma setghux jaghmlulu dan it-test".* Waqt li PC 1207 Robert Said Sareo ftit wara jghid:- *"Huwa spjega li staqsewh (b'referenza ghall-imputat) biex jaghmel breathyliser test izda huwa rrifjuta"*. PC 446 Joseph Mifsud minn naha l-ohra jghid:- *"Ix-xhud spjega li huwa kien staqsa lis-surgent x'ser jaghmlu dwar breathiliser, is-surgent qallu li l-imputat kien qed jirrifjuta u x-xhud wiegbu biex jaghmlu dokumentazzjoni li qed jirrifjuta".* F'dan ir-rigward ix-xhieda hija konflingenti ghaliex hemm min qed jghid li l-imputat kien qed jirrifjuta li ghamel dan it-test izda ma ghamlux, surgent li jghid li ma hassx li kien hemm lok li jsaqsih biex jaghmel it-test peress li qallhom li kienet martu li saqet waqt li pulizija iehor jghid li kellhom jaghmlu d-

dokumentazzjoni tar-rifjut, haga li ma tidhirx li saret. Din is-sitt akkuza ghalhekk ma tirrizutlax provata sal-grad rikjest mill-ligi.

Dwar is-seba' akkuza u cioe' li saq jew ipprova jsuq vettura numru ta' registrazzjoni XEV 104 ta' l-ghamla Chevrolet minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifika ghal dik il-vettura kif dispost fl-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta jider skond ix-xhieda ta' Clint Mifisud li dakinhar tal-incident kien l-imputat li kien qed isuq u laqtu. Issa mix-xhieda ta' Brian Farrugia li xehed ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta dana jghid " *li huwa kien gie mitlub ukoll sabiex jaghmel verifiki jekk Michael Daniel Xuereb detentur tal-karta tal-identita bin-numru 458001L ghandux licenzji tas-sewqan wiegeb illi dan kien gab licenzja tas-sewqan taht il-kategorija B fid-9 ta' Novembru, 2007 pero' din giet revokata fis-27 ta' Ottubru, tas-sena 2009. Fil-prezent ma ghandu l-ebda licenzja tas-sewqan*". Ghalhekk f'dan ir-rigward ma hemmx wisq x' jinghad stante li din l-akkuza tirrizulta ukoll provata.

Fit-tmien akkuza u cioe' dik kontravenzjonali naxxenti mill-Motor Vehicle Regulations l-imputat gie akkuzat talli kien involut f'incident tat-traffiku b'vettura numru ta' registrazzjoni XEV 104 ta' l-ghamla Chevrolet u naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq lill-persuna li jkollhom raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk kif mitlub bil-ligi. Issa mill-provi prodotti jidher li meta l-imputat habat u laqat il-vettura ta' Clint Mifsud huwa baqa' ghaddej tant li meta l-pulizija u l-wardens marru fuq il-post sabu l-karozza tieghu u dik ta' Mifsud hdejn xulxin u mhux mahbuta. Jidher ukoll li l-imputat ma waqafx sabiex jghati d-dettalji tieghu izda baqa' sejjer fejn kien destinat li jmur u cioe' gewwa l-istabbiliment Mc Donalds u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta provata ukoll.

Dwar il-piena l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol. 13 immarkata bhal dok C u rat illi hija nadifa minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja mhiex il-piena idoneja. Minn naha l-ohra din il-Qorti hija tal-fehma li l-impuat irid jitghallem mil-agir tieghu molto piu' sabiex igib rispett lill-pulizija li qeghda hemm sabiex

tghin lis-socjeta u zzomm il-paci fit-toroq. Mhux gustifikat li l-imputat jagixxi kif agixxa mal-pulizija u ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi l-piena idoneja ghandha tkun dik ta’ multa.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l- **Artikoli 11, 95, 96, 188(1), 325(d) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 15(1) (a) (3) u 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u MVR tiddikjara li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tielet, il-hames, is-seba’ u t-tmien akkuza u tikkundannah tmien mitt euro multa (euro 800) komplessivament ghall-akkuzi kollha li instab hati taghhom u tiddikjara li ma issibx lill-imputat hati tat-tieni akkuza, tar-raba’ akkuza u tas-sitt akkuza u tilliberah minnhom.**

**B’zieda mal-piena inflitta l-Qorti tordna ai termini ta’ l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta li tiskwalifikah milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-peijodu ta’ gimgha mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------